# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 5/2016/VG**

**Mary Stella FARRUGIA u b'digriet datat 16 ta' Marzu, 2016 l-isem Mary Stella ghandu jigi jaqra Mary**

**Vs**

**Aldo MAGRO**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-5 ta' Jannar, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elfejn mitejn u hamsin euro [€2,250] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat, minn dana l-Onorabbli Tribunal, ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u hamsin Ewro €2,250 piu imghax legali dan minhabba illi fi hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-partijiet ghamlu skrittura privata (hawn annessa u mmarkata dokument A) quddiem in-Nutar Dr. Andrea Micallef fejn il-konvenut iddikjara illi ghandu jhallas

lill-attrici s-somma ta' elfejn u mitejn u hamsin Ewro €2,250 piu l-imghax legali.

Illi nonostante nterpellat ihallas permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 253/15 dana baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqa ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Mary Farrugia li kkonfermat li l-intimat kien ghad fadallu jhallas l-ammont ta' elfejn u mitejn euro (€2,200) u dan ghal xiri ta' affarijiet tal-merca (grocer) minghandha.

Ra li Dr. Yanika Vidal ddikjarat li r-rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €2,250 in konnessjoni ma' bejgh ta' merca (grocer) minnha lill-istess intimat.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont ta' €2,200 ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnha ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont msemmi minnha, fix-xhieda taghha tal-lum stess u cioe l-ammont ta' elfejn u mitejn euro (€2,200), huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal ammont ta' elfejn u mitejn euro [€2,200] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn u mitejn euro [€2,200] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza u cioe mil-5 ta' Jannar, 2016 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**